MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 45/2004

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Joseph Micallef

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Lulju 2001 in atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok JM1) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Joseph Micallef.

Illi s-socejta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Joseph Micallef fis-somma ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u disgha u erbghin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm31,749.57) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A3 u Dok B1 sa B9) flimkien ma' l-imghax

ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 3 ta’ Lulju 2001 in atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok JM1) fuq imsemmi partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Micallef (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Joseph Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’ daqqa.

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 ta’ Settembru 2003 li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok C, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Il-Bank attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 3 ta’ Lulju 2001 in atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami fuq imsemmi (u prezentat mac-citazzjoni bhala Dok JM1) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Micallef (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’ obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut Joseph Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici; u

2. Tikkundanna lil Joseph Micallef ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ wiehed u tletin elf, seba’ mija u disgha u erbghin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm31,749.57) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft

Accounts" ta' Joseph Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A3 u Dok B1 sa B9) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru 2003 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Bank attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensur tal-bank attur.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Semghet bil-gurament lill-P.L. Joseph Zammit bhala rapprezentant tal-bank attur li semma li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ma sar ebda pagament akkont u li l-bank staqsa ghall-hlas diversi drabi inkluz bl-ittra ufficjali.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat izda nonostante dan baqa' ma ppresenta l-ebda risposta u ghalhekk waqa' kontumaci.

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenut gie msejjah tliet darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati, tilqa' t-talbiet tal-bank attur u tiddikjara u tiddeciedi illi sehhet wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 3 ta' Lulju 2001 in atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok JM1) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Micallef naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt; u tikkundanna lil

Joseph Micallef ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ wiehed u tletin elf, seba’ mija u disgha u erbghin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm31,749.57) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Joseph Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------